



Kumitat għas-Sajd

2020/2260(INI)

28.4.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar Strateġija mill-"Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent
(2020/2260(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Izaskun Bilbao Barandica

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 dwar l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM(2020)0381),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd (COM(2018)0368),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2018)0020),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' inizjattiva tal-Kummissjoni dwar pjan ta' kontinġenza għall-iżgurar tal-provvista tal-ikel u tas-sikurezza tal-ikel kif previst fl-Istrateġija proposta mill-Għalqa sal-Platt u mill-Baħar sal-Platt fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari l-impenn tagħha li tibni fuq it-tagħlimiet meħuda minn kriżijiet tal-passat, inkluża l-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd²,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel³,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd⁴,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-

¹ ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

² ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

³ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁴ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura⁵,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu⁶,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni Xjentifika Nru 3/2017 tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Konsulenti Xjentifiċi tal-Mekkaniżmu ta' Konsulenza Xjentifika tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2017 bit-titolu "Food from the Oceans: How can more food and biomass be obtained from the oceans in a way that does not deprive future generations of their benefits?" (Ikel mill-Oċeani: Kif jistgħu jinkisbu aktar ikel u bijomassa mill-oċeani b'mod li ma jċaħħadx lill-ġenerazzjonijiet futuri mill-benefiċċji tagħhom?),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016 dwar it-traċċabilità ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fir-ristoranti u l-bejgħ bl-imnut⁷,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll għall-istabbiliment tal-konformità tal-prodotti tas-sajd mal-kriterji ta' aċċess għas-suq tal-UE⁸,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-ottimizzazzjoni tal-katina tal-valur fis-settur tas-sajd tal-UE⁹,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari tal-4 ta' April 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew¹¹,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa¹²,
- A. billi l-għan tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt huwa li tikkontribwixxi għall-aġenda Ewropea dwar it-tibdil fil-klima, tipproteġi l-ambjent, tiżgura l-pożizzjoni tal-prodotti fil-katina tal-valur, u thegħgeġ il-konsum ta' ikel sostenibbli u tajjeb għas-saħħa;
- B. billi s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura huma parti integrali mis-sistema tal-ikel tal-UE

⁵ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.

⁶ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135.

⁷ ĠU C 76, 28.2.2018, p. 40.

⁸ ĠU C 76, 9.3.2020, p. 54.

⁹ ĠU C 76, 9.3.2020, p. 2.

¹⁰ Testi adottati, P8_TA(2019)0343.

¹¹ Testi adottati, P9_TA(2020)0005.

¹² Testi adottati, P9_TA(2020)0321.

li r-reżiljenza u l-iżvilupp sostenibbli tagħha jiddependu mill-ħidma u mill-kontributi tas-sajjieda u tal-pixxikulturi Ewropej, peress li dawn għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ tad-dimensjoni, ambjentali, ekonomika u soċjali tal-komunitajiet tal-kosta, tal-gżira u ta' ħafna komunitajiet interni;

- C. billi l-kriżi tas-saħħa pubblika bla preċedent li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19 se jkollha riperkussjonijiet fuq il-kummerċ u s-suq, u kienet daqqa ta' ħarta serja fuq is-sajjieda madwar l-Ewropa kollha; billi minkejja r-riskji għas-saħħa u l-prezz baxx tal-ħut, is-sajjieda Ewropej komplew jaħdmu u jiddistingwu lilhom infushom bħala ħaddiema ewlenin, bil-kriżi tenfasizza l-importanza tas-sajd u tal-akkwakultura fl-iżgurar tal-aċċess għall-ikel; billi l-UE pprovdiet rispons għal żmien qasir bħal aċċess aktar flessibbli għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-approvazzjoni tal-ghajnunna mill-Istat, flimkien ma' appoġġ aktar fit-tul kif deskritt fil-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa; billi għandha tiġi milqugħa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta pjan ta' kontinġenza biex tiżgura l-provvista tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel madwar l-UE kollha fi żminijiet ta' kriżi;
- D. billi huwa meħtieġ li jiġu infurzati r-regoli tal-kompetizzjoni u tal-ekonomija soċjali skont l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS), li l-prinċipji tagħha jmorru lura għall-1970, u li jiġi aġġornat il-qafas tagħha bi programmi u strumenti finanzjarji speċifiċi biex jingħata aċċess mhux diskriminatorju għas-suq lil ħaddiema li jaħdmu għal rashom f'sajd fuq skala żgħira sabiex tingħata s-setgħa lill-organizzazzjonijiet tagħhom, li joħlqu valur soċjali sinifikanti billi jikkonċentraw b'mod effiċjenti l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom; billi dawn il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom ġew esklużi mill-appoġġ tal-COVID-19 fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2020/560¹³, minkejja li wrew li huma importanti ħafna għas-soċjetà matul il-pandemija, u kellhom iħabbtu wiċċhom mar-riskji għas-saħħa bħala settur essenzjali fis-sistema tal-ikel tal-UE u tnaqqis fil-prezzijiet minħabba l-ġheluq tal-kanal tal-lukandi, tar-ristoranti u tal-catering (HORECA);
- E. billi fi Stati Membri differenti hemm tradizzjonijiet u drawwiet differenti fir-rigward tan-nutrizzjoni u tal-użu tar-riżorsi bijoloġiċi disponibbli, inkluż il-ħut, il-frott tal-baħar bil-qoxra u l-molluski; billi dan għandu jittqies meta jittfasslu politiki, rakkomandazzjonijiet u strateġiji li jħallu impatt fuq l-ispeċijiet tal-ħut u l-prodotti mhux tal-ħut li huma ekonomikament importanti jew tradizzjonalment użati fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;
- F. billi s-sajd eċċessiv u l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet tal-baħar sensitivi jirriżultaw fid-degradazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u kostali u jwasslu għat-telfien tal-bijodiversità;
- G. billi għalkemm is-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar tal-UE jsegwu l-ogħla standards ta' kummerċjalizzazzjoni, ambjentali, ta' sostenibbiltà u soċjali, huma meħtieġa rieżami u approvazzjoni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali tul il-katina tal-valur kollha, inkluż dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali; billi dawn is-setturi jipprovdu prodotti tal-frott tal-baħar ta' kwalità għolja, li għandhom rwol fundamentali fl-iżgurar tas-sikurezza tal-ikel u tal-

¹³ Ir-Regolament (UE) 2020/560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 508/2014 u (UE) Nru 1379/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1.

benesseri nutrizzjonali tal-popolazzjoni; billi huwa tal-akbar importanza, għalhekk, li tiġi vvalutata l-pożizzjoni tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura fis-suq intern u l-importazzjonijiet tal-prodotti tagħhom sabiex jinkiseb mudell tas-sajd li jirrifletti l-bilanċ bejn it-tliet dimensjonijiet ewlenin (ambjentali, soċjali u ekonomika) proposti fl-Aġenda tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha;

- H. billi filwaqt li standards ta' kummerċjalizzazzjoni għoljin ħafna fl-UE, inkluż standards ambjentali, ta' sostenibbiltà u soċjali, japplikaw biss għal 75 % tal-ħatt l-art fl-UE u għal inqas minn 10 % tal-importazzjonijiet (peress li l-fletti u l-ħut iffriżat huma esklużi), li jirriżulta f'għadd kbir ta' prodotti importati li ma jilħqux in-normi u l-istandards rigorużi li magħhom irid jikkonforma s-settur ibbażat fl-UE, u b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u l-produtturi tal-UE jitpoġġew fi żvantaġġ kompetittiv;
- I. billi l-użu eċċessiv tal-pestiċidi fl-agrikoltura għandu wkoll effetti negattivi fuq il-flora u l-fawna akkwatiċi;
- J. billi l-assoċjazzjonijiet tas-sajjieda bħax-xrieki ta' negozjanti huma atturi ewlenin fis-sistemi tal-ikel ta' xi Stati Membri, fejn joperaw bħala entitajiet tal-liġi pubblika mhux għall-profitt u tal-ekonomija soċjali li jirrappreżentaw is-settur tas-sajd u jaħdmu flimkien mal-amministrazzjoni pubblika, u jwettqu funzjonijiet ta' interess ġenerali għall-benefiċċju tas-sajd marittimu u tal-ħaddiema fis-settur tas-sajd, kif ukoll iwettqu funzjonijiet tan-negozju, jikkummerċjalizzaw il-prodotti u jipprovdu servizzi ta' konsulenza u ta' ġestjoni;
- K. billi fir-rapport tagħha tal-2020 dwar l-istat tas-sajd u tal-akkwakultura dinjija, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-NU tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tas-sajd fis-sikurezza tal-ikel globali, filwaqt li tfakkar li l-akbar theddida għall-kontribut tiegħu hija s-sajd eċċessiv u li l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut għandu l-potenzjal li jżid il-produttività tas-sajd;
- L. billi sabiex titnaqqas il-ħela tal-ikel, jeħtieġ li jittejjbu l-loġistika u l-infrastruttura fil-katina tal-valur biex jiġi ottimizzat l-użu tal-qabdiet kollha u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-ikel;
- M. billi huwa meħtieġ approċċ olistiku għad-diversi strateġiji u politiki tal-UE assoċjati mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;
- N. billi l-konċentrazzjoni ġenerali tas-suq u t-tendenza tal-bejjieġha bl-imnut kbar li jikkonkludu ftehimiet li xi drabi ma jkunux ġusti għall-produtturi primarji għandhom impatt negattiv fuq is-sajd fuq skala żgħira;
- O. billi l-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) jinkludu, fost l-oħrajn, il-forniment lis-suq tal-UE b'ikel ta' valur nutrizzjonali għoli, it-tnaqqis tad-dipendenza tas-suq tal-UE mill-importazzjonijiet tal-ikel, u l-iżgurar li l-ikel jilħaq lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli; billi l-pandemija li għadha għaddejja għamlitha aktar evidenti li l-UE jeħtieġ li tkun tista' tiggarantixxi bis-sħiħ is-sikurezza tal-ikel għaċ-ċittadini tagħha u tnaqqas id-dipendenza tagħha mill-importazzjonijiet tal-ikel minn pajjiżi terzi;
- P. billi l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma sors importanti ta' proteina u

komponent importanti ta' dieta tajba għas-saħħa; billi aktar minn nofs il-popolazzjoni adulta tal-Unjoni għandha piż żejjed, li qed jikkontribwixxi għall-prevalenza għolja ta' mard relatat mad-dieta bħall-mard kardjovaskulari u ż-żieda fl-ispejjeż tal-kura tas-saħħa; billi l-konsum tal-ħut u tal-prodotti tal-akkwakultura fl-UE jvarja ħafna madwar l-Istati Membri;

- Q. billi meta mqabbel ma' proteini oħra tal-annimali, il-ħut li jinqabad fis-selvaġġ għandu l-aktar impatt ambjentali baxx peress li jgħix fis-selvaġġ u ma jirrikjedix l-użu ta' art, għalf artifiċjali, provvista tal-ilma, jew antibiotiċi jew pestiċidi għall-produzzjoni tiegħu, u għalhekk jirrappreżenta l-għażla perfetta għall-proteini tal-annimali f'termini ta' sikurezza tal-ikel u protezzjoni tal-klima;
- R. billi s-sajjieda jindirizzaw it-tipi kollha ta' skart tal-baħar billi jistadu għall-iskart fil-baħar – kemm b'mod attiv kif ukoll b'mod passiv – u jgħinu fil-ġbir ta' skart minn bastimenti oħra, li jgħin biex jittejjeb l-ambjent tal-baħar u s-sostenibbiltà tas-settur;
- S. billi l-ħidma tas-sajjieda u l-isforzi kontinwi biex tiġi implimentata l-PKS għabu titjib fil-popolazzjonijiet tal-ħut tal-UE u taw riżultati pożittivi oħra permezz ta' ġestjoni tas-sajd effiċjenti u bbażata fuq ix-xjenza li hija ffukata fuq is-sostenibbiltà, is-sajd responsabbli, u l-minimizzazzjoni tal-impatt tas-sajd kummerċjali fuq l-ekosistemi, u bbażata fuq miri ta' ġestjoni ambizzjużi u miftiehma fuq livell internazzjonali; billi għad hemm parametri ambjentali li jirrikjedu aktar sforzi sabiex jittejjbu;
- T. billi s-settur tas-sajd għal żmien twil għen biex jipprovdi lill-konsumaturi Ewropej prodotti ta' kwalità għolja li jissodisfaw standards għoljin ta' nutrizzjoni u sikurezza tal-ikel, u issa huwa mexxej globali f'termini ta' sostenibbiltà;
- U. billi l-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO₂ mis-sajd naqsu bi 18 % bejn l-2009 u l-2018; billi għalkemm l-effiċjenza enerġetika tal-flotta tas-sajd tal-UE – tunnellati ta' ħut għal kull litru ta' fjuwil – żdiedet matul is-snin bis-saħħa tal-adattament ta' teknoloġiji ġodda u tat-titjib fl-istokkijiet tal-ħut, is-sajd xorta se jgħabbi wiċċu ma' diffikultajiet minħabba t-tibdil fil-klima, li huwa vittma tiegħu aktar milli kawża, kif muri mill-ħafna fenomeni naturali bħaż-żidiet fit-temperatura tal-ilma li kellhom u se jkomplu jkollhom impatt negattiv ħafna fuq il-profittabbiltà tas-settur;
- V. billi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-OKS fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, huwa essenzjali li l-konsumaturi jiġu infurmati, permezz ta' kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni u edukattivi, dwar il-valur alimentari tal-ħut u l-varjetà wiesgħa ta' speċijiet disponibbli, kif ukoll dwar l-importanza li wieħed jifhem l-informazzjoni li tinsab fuq it-tikketti; billi l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u t-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd huma b'mod ċar fl-interessi tal-konsumaturi tal-UE, iżda l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE ma tirrikjedix li tiġi indikata l-oriġini tal-prodott finali ippreparat jew ippreservat, anki jekk dan huwa obbligatorju għas-settur tal-qbid; billi l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà u l-produzzjoni sostenibbli għalhekk tintlefi fil-katina tal-valur tal-ikel;
- 1. Jisħaq li l-PKS u sistema ta' governanza li tiffunzjona tal-ibħra tal-Ewropa huma parti integrali mis-sistema tal-ikel u mill-katina tal-provvista tal-UE u jinteraġixxu mill-qrib mal-pilastri Ewropej tas-saħħa u tal-ambjent li huma fil-qalba tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt; jesprimi diżappunt kbir għan-nuqqas ta' prominenza u ambizzjoni għall-

kontribut u għall-potenzjal tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt; jisħaq li dan in-nuqqas ta' ambizzjoni jagħmilha aktar diffiċli għall-Unjoni biex tilħaq l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jwissi li se jwassal għal inqas opportunitajiet u inqas introjtu għas-sajjieda, għall-produtturi tal-akkwakultura u għall-ħaddiema tal-UE tul il-katina tal-provvista tal-ħut u tal-frott tal-baħar; jitlob li l-istrateġija tiġi estiża għal strateġija mill-Għalqa sal-Platt u mill-Baħar sal-Platt, u li t-titolu tagħha jingħata l-isem uffiċjali ġdid ta' "Strateġija mill-Għalqa sal-Platt u mill-Baħar sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent";

2. Jisħaq li l-istrateġija attwali għandha tiġi integrata b'approċċ trażversali għas-sajd li jqis il-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE dwar is-suġġett u fid-dawl tal-oġġettivi tal-istrateġija, filwaqt li jitqiesu kif xieraq it-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli – soċjali, ekonomiku u ambjentali – biex jiġi żgurat li s-sistema tal-ikel futura tkun aktar ġusta, aktar tajba għas-saħħa u tirrispetta aktar l-ambjent; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni xierqa lin-natura speċifika tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fi kwalunkwe proposta leġiżlattiva, strateġija jew linja gwida futura li tista' tfassal bħala riżultat tal-istrateġija u biex timla l-lakuni b'inizjattivi addizzjonali xierqa;

Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-appoġġ reċiproku bejn l-inizjattivi kollha tal-Patt Ekoloġiku u bejn l-oġġettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward, fost l-oħrajn, tas-sikurezza tal-ikel, tat-tibdil fil-klima, tar-riżorsi naturali tal-baħar u tal-ġestjoni sostenibbli tas-sajd;

4. Jirrikonoxxi li s-sajd huwa waħda mill-aktar sistemi effiċjenti u intelliġenti fil-livell klimatiku li tiżgura ikel tajjeb għas-saħħa u sostenibbli filwaqt li tiggarantixxi eżistenza dinjituża għas-sajjieda fl-UE;
5. Jilqa' r-rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-ħaddiema ewlenin matul il-pandemija tal-COVID-19; jisħaq li l-ħaddiema tas-sajd, mhux biss il-ħaddiema tas-settur agroalimentari, jaqgħu taħt din il-kategorija; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, iżżid l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-pożizzjoni tas-sajjieda Ewropej fil-katina tal-valur billi ttejjeb is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, tiggarantixxi paga deċenti għalihom u tipproteġi l-libertà ta' moviment tagħhom, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi;
6. Jissottolinja r-relazzjoni mill-qrib bejn l-attivitajiet tas-sajd u l-konservazzjoni tal-bijodiversità u jenfasizza l-impatt negattiv tas-sajd mhux sostenibbli fuq il-bijodiversità; jisħaq, madankollu, li s-sajd sostenibbli biss jista' jillimita l-impatt negattiv fuq l-ispeċijiet, il-habitats u l-ekosistemi, kif ukoll l-effetti tat-tibdil fil-klima;
7. Jisħaq li sabiex jintlaħqu bis-sħiħ u b'mod effettiv l-oġġettivi tal-istrateġija, hija meħtieġa valutazzjoni preliminari estensiva tal-impatt soċjoekonomiku biex jiġu kkunsidrati r-riperkussjonijiet possibbli kollha tal-miżuri proposti fuq il-komunitajiet kostali tal-UE u fuq il-produttività u l-kompetittività tas-sajd tagħha; jisħaq, barra minn hekk, li t-tranżizzjoni għal mudell sostenibbli ta' produzzjoni u konsum għandha ssir gradwalment u b'mod proporzjonat mal-kapaċitajiet tal-industrija tas-sajd tal-UE;
8. Jisħaq li t-traspożizzjoni ta' prinċipji ġusti u aċċettabbli ħafna drabi tista' toħloq prattiki onerużi u eċċessivi li huma diffiċli biex jiġu applikati mis-sajjieda, mingħajr qatt ma verament jintlaħqu l-oġġettivi li dawn il-prinċipji jistabbilixxu biex jintlaħqu; jisħaq, għalhekk, li l-proposti tal-istrateġija ma għandhomx joħolqu piżijiet finanzjarji jew

burokратиċi eċċessivi għall-operaturi fis-settur tas-sajd;

9. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipji ewlenin stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, speċjalment fir-rigward ta' ħaddiema prekarji, staġjonali u mhux iddikjarati; jisħaq li, għal dan il-għan, għandhom jittieħdu passi prattiċi sabiex tiġi ssodisfata din il-ħtieġa, permezz ta' kooperazzjoni akbar mal-korpi tal-UE għal djalogu soċjali, bħall-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-UE għas-Sajd fil-Baħar, meta jitfasslu inizjattivi leġiżlattivi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-istrateġija;
10. Jisħaq li l-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli bħala parti mill-istrateġija u l-istrateġija tal-UE għat-tibdil fil-klima għandhom jiffavorixxu l-konsum tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE, peress li huma sors importanti ta' proteina b'impronta tal-karbonju żgħira u komponent kruċjali ta' dieta tajba għas-saħħa u jenfasizzaw il-valur tax-xogħol tas-sajjieda u tan-nisa fis-settur, u tal-akkwakultura; ifakkar fil-potenzjal ta' akkwakultura u sajd sostenibbli biex jinħolqu impjegi ekoloġiċi u jqis li t-tranżizzjoni ekoloġika tas-sistemi tal-ikel b'mod ġenerali, u s-sajd b'mod partikolari, għandha ssir b'mod li jiżgura introjtu ġust għas-settur tas-sajd, filwaqt li ssaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu fil-katina tal-valur billi tħeġġeġ ir-raggruppament ta' xrieki ta' negozjanti, kooperattivi, assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet oħra, u billi jitwettaq monitoraġġ xieraq fil-qafas tad-Direttiva (UE) 2019/633 dwar Prattiki kummerċjali ingusti¹⁴;
11. Jissottolinja l-impatt ambjentali baxx tas-sajd f'ċerti aspetti u l-produzzjoni tal-ikel tajjeb għas-saħħa tas-settur, peress li mhuwa involut l-ebda għalf artifiċjali, antibijotiku, fertilizzant jew pestiċida kimika; jissottolinja li bis-saħħa tal-proprietajiet tiegħu li huma tajbin għas-saħħa, il-konsum tal-ħut għandu potenzjal kbir biex jindirizza l-kriżi tas-saħħa pubblika Ewropea fir-rigward tal-prevalenza għolja ta' mard relatat mad-diet, bħall-mard kardjovaskulari;
12. Josserva li l-PKS hija l-qafas legali attwali għas-sajd, li għandha l-għan li tipprovdi ikel tajjeb għas-saħħa bbażat fil-baħar f'konformità mal-prinċipji sostenibbli, soċjali, ekonomiċi u ambjentali għall-ġestjoni tas-sajd, filwaqt li tiżgura l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi haġġin tal-baħar, u tirrestawra u tmanjni l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda f'livelli ogħla minn dawk li jistgħu jiżguraw ir-rendiment massimu sostenibbli, kif ukoll li tiżgura l-profittabbiltà tal-attivitajiet tas-sajd;
13. Jisħaq fuq ir-rwol importanti li għandhom in-nisa fl-ipproċessar, fil-promozzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut li jinqabad;
14. Jenfasizza li l-pandemija li għadha għaddejja wriet il-ħtieġa li l-UE ttejjeb u tissalvagwardja s-sikurezza tal-ikel u s-sovranià tal-ikel sabiex tnaqqas id-dipendenza tagħha mill-importazzjonijiet tal-ikel minn pajjiżi terzi; jaqbel mal-iżvilupp ta' pjan ta' kontinġenza biex tiġi żgurata l-provvista tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel tal-UE f'każ ta' kriżijiet futuri; ifakkar fl-oġettiv tal-PKS li tikkontribwixxi għall-provvista ta' ikel

¹⁴ Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar Prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari, ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59.

nutrittiv ħafna għas-suq tal-UE u tnaqqas id-dipendenza tas-suq tal-UE mill-importazzjonijiet tal-ikel; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li nimxu lejn l-integrazzjoni intelliġenti tas-sistemi tal-ikel globali, reġjonali u lokali, filwaqt li nippromwovu kanali qosra fil-katina tal-valur tas-sajd sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-ikel, f'konformità mal-prinċipji tas-suq uniku;

15. Jenfasizza li l-Istrateġija għall-Bijodiversità u mill-Għalqa sal-Platt huma żewġ naħat tal-istess munita; jitlob, għalhekk, il-formulazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt li jidentifikaw l-ispejjeż sħaħ tal-oġġettivi tal-bijodiversità tal-Kummissjoni f'termini tal-impatti tat-tnaqqis tal-pressjoni tas-sajd u b'hekk tal-produzzjoni tal-ikel;
16. Jenfasizza li meta jiġu implimentati l-oġġettivi u l-miżuri proposti fl-istrateġija u t-tranżizzjoni għal sistema tal-ikel sostenibbli, trid tingħata attenzjoni xierqa lis-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tas-sistemi tal-ikel u lill-kompetittività tas-setturi Ewropej tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż introjtu ġust għall-produtturi primarji; jisħaq fuq l-importanza tal-konsultazzjoni kostruttiva, effettiva u ugwali tas-sajjieda u tal-produtturi tal-akkwakultura u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra li jirrappreżentaw il-katina tal-valur fi kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-Istrateġija proposta mill-Għalqa sal-Platt u mill-Baħar sal-Platt;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji rilevanti tal-UE, inkluża l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, jivvalutaw jekk l-algi jistgħux jikkostitwixxu sors ta' ikel sikur, tajjeb għas-saħħa u sostenibbli fil-kuntest tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;
18. Jilqa' r-rapport ipplanat tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-PKS, li għandu jiġi ppubblikat sal-31 ta' Diċembru 2022, li se jkun jeħtieġ li jiffoka fuq ir-riskji kkawżati mit-tibdil fil-klima għas-sostenibbiltà tal-ispeċijiet u l-oġġettiv li jinkiseb rendiment massimu sostenibbli; jenfasizza l-ħtieġa, madankollu, ta' approċċ ġenerali biex l-istokkijiet tal-ħut jinġiebu f'livelli sostenibbli u jiġu rrestawrati l-ekosistemi tal-baħar u kostali, li għandu jiffoka wkoll fuq il-benefiċċji u s-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż l-effetti ta' speċijiet aljeni invażivi li jheddu ċerti speċijiet ta' sinifikat ekonomiku, filwaqt li jsiru sforzi koordinati biex jitnaqqas l-impatt tagħhom; jitlob li dan ir-rapport jiġi segwit bi proposti u azzjonijiet leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi biex jiġu implimentati aħjar l-oġġettivi tal-PKS fid-dawl tal-isfidi l-ġodda li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur tas-sajd u biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas li jirriżulta li huwa sinifikanti;
19. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex itejbu l-kwalità tal-ilmijiet tal-UE u jipprevjenu d-dħul ta' sustanzi tossiċi fil-katina alimentari; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw approċċ olistiku għall-ambjent tal-baħar u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tat-tniġġis tal-ilma, inkluż l-iskart fil-baħar u l-ilma urban u industrijali mormi, u li jtemmu l-prattiki li huma ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar u għas-saħħa tal-bniedem;
20. Jilqa' r-rwol tal-Linji Gwida Strateġiċi tal-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura tal-UE li għadhom kif ġew imħabbra għall-perjodu 2021-2030; jenfasizza r-rwol fundamentali tal-akkwakultura u l-ħtieġa tal-iżvilupp tagħha bħala pedament fl-iżgurar tal-awtosuffiċjenza ta' ikel tajjeb għas-saħħa; jitlob li dawn il-linji gwida jiġu adottati u implimentati malajr u jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta'

linji gwida speċifiċi għall-frott tal-baħar bil-qoxra u għall-akkwakultura fl-ilmijiet interni sabiex jipprovdu direzzjoni għal ġestjoni aħjar u għal aktar sostenibbiltà, kif ukoll aktar finanzjament għal dawn is-setturi fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMS) il-ġdid;

21. Jissottolinja li l-ħidma kontinwa fuq l-Istrateġija proposta mill-Għalqa sal-Platt u mill-Baħar sal-Platt għandha tkun ispirata u tinbena fuq il-prattiki eżistenti, li diġà jissodisfaw l-oġettivi ta' sostenibbiltà tal-istrateġija attwali, bħal ċerti tipi ta' ġestjoni tal-akkwakultura li jipprovdu wkoll servizzi ambjentali u soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw, jinkoraġġixxu u jipprovdu appoġġ adegwat għal akkwakultura favur l-ambjent bħal akkwakultura b'impatt baxx, akkwakultura b'sistema magħluqa, algi, frott tal-baħar bil-qoxra, it-trobbija tal-ħut fil-vaski jew sistemi integrati ta' akkwakultura multitrofika bħala partijiet importanti tal-ekonomija ċirkolari u kontributuri netti għat-trasformazzjoni ta' nutrijenti eċċessivi fi proteina ta' kwalità għolja;
22. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura jqisu l-ostakli ewlenin għall-iżvilupp tal-potenzjal tas-settur u jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġi allokat spazju lill-akkwakultura permezz ta' ppjanar tal-ispazju xieraq; jenfasizza l-importanza ta' mekkaniżmu trasparenti u parteċipattiv, f'konformità mad-Direttiva 2014/89/UE dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu, għall-allokazzjoni tal-ispazju lill-partijiet ikkonċernati kollha b'mod ekwu, inkluż għal żoni tas-sajd eżistenti u ġodda u għall-farms tal-akkwakultura; jisħaq li l-iżvilupp tal-akkwakultura jirrikjedi qafas legali solidu, affidabbli u ċar għall-użu tal-ispazju u tal-liċenzji li jipprovdi fiduċja u sigurtà għall-investment fis-settur;
23. Jilqa' l-intenzjoni li tiġi promossa l-akkwakultura organika u jenfasizza l-benefiċċji ekonomiċi ta' dan għall-produtturi tal-akkwakultura minħabba l-potenzjal kbir tagħha li għadu ma ġiex sfruttat għall-iżvilupp u għat-tkabbir; jindika li t-tranżizzjoni tista' tiġi megħjuna permezz tal-FEMSA;
24. Jisħaq li ilha Prattika komuni fis-settur tal-akkwakultura li jerġgħu jintużaw prodotti tal-annimali mhux użati (jew li jistgħu jintużaw) għall-konsum mill-bniedem; jindika li fl-interessi ta' ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ investment konsiderevoli biex jinħolqu sinerġiji bejn l-akkwakultura u l-ħela tal-ikel u biex jiġu appoġġjati proċessi virtużi għall-użu mill-ġdid tal-iskart tal-akkwakultura (bħall-algi) għat-tagħlif tal-ħut;
25. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja mudelli ta' negozju ekoloġiku, bħal dawk ibbażati fuq is-sekwestru tal-karbonju, sabiex il-ktajjen tal-provvista jsiru aktar sostenibbli; jisħaq, f'dan ir-rigward, li ċerti Prattiki tal-akkwakultura, bħat-trobbija tal-maskli jew tal-gajdri, jistgħu jkunu mudell ta' suċċess għall-futur fil-kuntest tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tinvesti f'dan it-tip ta' negozju ekoloġiku fid-dawl tal-oġettivi tal-istrateġija;
26. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippubblika linji gwida għall-akkwist sostenibbli tal-ikel fil-catering istituzzjonali u jhegġegħ lill-Kummissjoni tinkludi l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura f'dawn il-linji gwida;
27. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiegħu azzjoni biex tħaffef l-użu fis-suq ta' soluzzjonijiet għal effiċjenza enerġetika fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel; jisħaq, f'dan

ir-rigward, li dawn l-azzjonijiet għandhom iqisu wkoll is-settur tal-akkwakultura sabiex jintużaw il-forom potenzjali kollha ta' produzzjoni tal-enerġija involuti f'dawn it-tipi ta' biedja u biex tiġi promossa sistema ta' produzzjoni b'konsum żero;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri biex itejbu l-kwalità tal-ilma u l-kontroll tal-mard u jillimitaw id-densità ta' ħażna fil-produzzjoni tal-akkwakultura fl-interessi tas-saħħa tal-bniedem u tat-trattament xieraq tal-annimali;
29. Jisħaq li ta' spiss il-prodotti organiċi jitqiegħdu f'kategorija ta' prezzijiet li ma jistgħux jintlaħqu mill-biċċa l-kbira tal-konsumaturi Ewropej; jisħaq, għalhekk, fuq il-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema ta' prezzijiet ġusti fil-livell tal-UE għall-prodotti organiċi sabiex ma jibqgħux il-privileġġ ta' flit, iżda jistgħu jiffurmaw il-bażi ta' ikel tajjeb għas-saħħa għal kulħadd;
30. Jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tagħmel enfasi akbar fuq l-investiment fit-teknoloġija u fil-prattiki ekoloġiċi u diġitali, iżda jesprimi diżappunt għan-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għas-sajd u għas-settur tal-akkwakultura; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġu appoġġjati s-sajjieda u l-atturi fil-katina tal-provvista tal-prodotti tal-ħut fit-tranżizzjoni għal Prattiki aktar diġitali billi jsir investiment qawwi fit-taħriġ, u fil-finanzzjament għad-diġitalizzazzjoni u għall-konverżjoni għal Prattiki u għodod "ekoloġiċi";
31. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejb u jissimplifikaw it-tikkettar, inkluż permezz ta' kodiċijiet li jinqraw b'mod diġitali, tal-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura fil-livell tal-UE, kemm jekk friski, iffriżati jew ipproċessati jew mibjugħa fir-ristoranti kif ukoll permezz tal-bejjieġha bl-imnut u bl-ingrossa, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà fuq il-post ta' oriġini, l-ispeċi u l-informazzjoni dwar aspetti oħra bħall-metodi tal-produzzjoni, inkluż mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;
32. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistema ta' traċċabbiltà tal-ikel fl-UE li ttejjeb is-sostenibbiltà tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura u twieġeb għad-domandi tal-konsumaturi billi tipprovdi informazzjoni dwar fejn, meta, kif u x'ħut inqabad jew ġie mrobbi, primarjament biex tittejjeb is-sikurezza tal-ikel iżda wkoll biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli tul il-katina kollha kemm tal-prodotti tal-UE kif ukoll tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u jiġu miġġielda l-frodi u s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU); jitlob approċċ ikkoordinat biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn inizzjattivi differenti dwar din il-kwistjoni u biex jiġu vvalutati l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' għażliet differenti għall-konsumaturi, għall-produtturi u għas-suq intern kollu kemm hu f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁵ sabiex dawn l-oġġettivi jiġu implimentati bl-aktar mod effiċjenti possibbli; jemmen li din is-sistema għandha tinvolvi lill-atturi kollha fil-katina tal-valur sabiex ikunu jistgħu jikkollaboraw ma' xulxin, billi jużaw sistemi diġitali sempliċi li huma faċli biex jintużaw u ma jinvolvux spejjeż eċċessivi għall-operaturi, b'mod partikolari n-negozji ż-żgħar;
33. Jisħaq li mekkaniżmi ta' traċċabbiltà tajbin dwar is-sostenibbiltà għall-prodotti kollha mibjugħa fis-swieq tal-UE huma essenzjali biex tiġi żgurata t-trasparenza għall-konsumaturi, għas-settur u għad-diversi amministrazzjonijiet; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja l-implimentazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni qarrieqa fir-

¹⁵ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

rigward tas-sostenibbiltà tal-prodotti tal-ikel u li tiżviluppa qafas ta' tikkettar tal-ikel sostenibbli tal-UE u li tilħaq il-miri tal-Patt Ekoloġiku u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; jisħaq li dan il-pass se jtejjeb il-valur ta' prodotti sostenibbli u se jipproteġi d-drittijiet tal-konsumatur; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida dwar l-għodod diġitali għall-informazzjoni tal-konsumatur trażmessi permezz tal-ħoloq kollha fil-katina tal-valur, inkluż il-pjattaformi eżistenti, bil-għan li tiġi promossa l-interoperabbiltà u titjieb l-effiċjenza tas-sistemi eżistenti;

34. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li toħroġ dikjarazzjonijiet ambjentali li jissodisfaw kriterji robusti u rikonoxxuti fuq livell internazzjonali, bħall-istandard Nru 14024 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), li għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ aktar milli fuq kwalunkwe aspett partikolari tas-sostenibbiltà u għandhom jiġu implimentati billi l-piż amministrattiv u finanzjarju jinżamm żgħir kemm jista' jkun, speċjalment għas-sajjieda fuq skala żgħira u għall-SMEs; jisħaq, għal dan il-għan, li t-tikkettar irid ikun oġġettiv, ibbażat fuq data xjentifika appoġġjata minn verifika indipendenti rigoruża, mhux diskriminatorja fir-rigward tal-valur nutrizzjonali attwali tal-ikel, u jkun kapaċi jipprovdi informazzjoni eżawrjenti u speċifika dwar in-nutrijenti fil-prodott abbażi tal-konsum referenzjali tal-konsumatur medju, mingħajr ma jqarraq jew jinfluwenza l-għażliet tax-xiri, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1169/2011¹⁶; jisħaq, barra minn hekk, li n-negozji għandhom ukoll rwol x'jaqdu fl-iżgurar li l-prodotti tas-sajd li jiġibu jkunu traċċabbli sal-punt tal-orijini, u fl-għoti tal-informazzjoni kollha li l-konsumaturi jeħtieġu biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet djetetiċi infurmati tajjeb, tajbin għas-saħħa u ekoloġiċi;
35. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tintroduċi obbligu biex il-konsumaturi jiġu infurmati b'tikkettar dwar l-orijini u t-traċċabbiltà għall-ħut u għall-prodotti tal-frott tal-baħar ippreparati jew ippreservati kollha bħall-krustaċji, il-molluski u l-kavjar u, fl-interess tal-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi, li tiġi evalwata l-ħtieġa li jiġi rivedut ir-Regolament (UE) 1379/2013 dwar l-OKS fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u li jekk ikun xieraq titfassal proposta;
36. Jindika li standards differenti bejn il-prodotti mill-UE u minn pajjiżi terzi jistgħu jqiegħdu s-sajd tal-UE fi żvantaġġ kompetittiv fin-nuqqas ta' konverġenza globali tal-istandards tas-sostenibbiltà; jisħaq, għal dan il-għan, li r-regoli dwar it-tikkettar u t-traċċabbiltà għall-prodotti tal-UE għandhom jiġu applikati wkoll għall-prodotti importati; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li tiġi aġġustata l-leġiżlazzjoni attwali biex tkun meħtieġa dikjarazzjoni tal-orijini tal-prodott finali mill-prodotti tal-UE u minn pajjiżi terzi kkombinati fil-linji ta' produzzjoni;
37. Jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas legali armonizzat tal-UE biex tiġi żviluppata sistema obbligatorja ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fil-livell tal-UE, ibbażata fuq evidenza xjentifika indipendenti; ihegġegħ lill-Istati Membri jappoġġjaw l-implimentazzjoni tas-sistema futura tal-UE ta' tfassil ta' profili nutrizzjonali u li jżommu lura minn azzjonijiet unilaterali li jistgħu jxekklu l-armonizzazzjoni tal-isforzi tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa li jiġu inklużi bidliet fl-algoritmu għall-ħolqien ta' dawn il-profilu nutrizzjonali

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

sabiex il-preżenza tal-omega-3 titqies b'mod pożittiv u l-proporzjon ta' xaħmijiet saturati ma' dawk mhux saturati jiġi kkunsidrat meta jiġu attribwiti punti ta' penalizzazzjoni;

38. Jindika li l-prodotti tal-ħut, tal-krustaċji u tal-molluski jistgħu jiġu protetti permezz tal-iskemi Ewropej tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u għall-oġġetti tal-ikel; jinnota li f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll it-terminu tal-kwalità fakultattiv "prodott tal-biedja tal-gżejjer", inkluż għall-prodotti tal-ħut, tal-krustaċji u tal-molluski, sabiex itejbu l-viżibbiltà tal-produtturi bbażati fil-gżejjer; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' denominazzjonijiet reġjonali addizzjonali għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, bil-għan li jippromwovu l-viżibbiltà tal-produtturi u tal-prodotti tagħhom li mhumix eliġibbli għall-protezzjoni fl-ambitu tal-iskemi Ewropej tal-kwalità stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012;
39. Jilqa' l-użu obbligatorju taċ-ċertifikati tal-qabda diġitalizzati;
40. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkompli jiġi promoss l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd u li jiġi miġġieled is-sajd IUU permezz tat-tisħiħ tal-politika ta' ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi mhux tal-UE għal bastimenti Ewropej li jipprovdu prodotti ta' kwalità;
41. Jinnota li s-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar tal-UE diġà japplikaw standards ambjentali u soċjali stretti li se jiġu riveduti wkoll biex jiġu żgurati prodotti ta' kwalità ogħla; iqis, għalhekk, li huwa tal-akbar importanza li jiġi applikat il-prinċipju tar-reċiproċità għall-prodotti tas-sajd li jidħlu fis-suq tal-UE minn pajjiżi terzi u li jiġu pprojbiti l-prodotti li jirriżultaw mis-sajd IUU;
42. Jilqa' l-approċċ ta' tolleranza żero għas-sajd IUU fid-dawl tan-natura globali ta' dan il-fenomeno u l-ħtieġa li tiġi adottata politika tal-viceinat konsistenti u koerenti għall-ġestjoni tas-sajd, filwaqt li jiġi infurzat bis-sħiħ ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 dwar is-sajd IUU¹⁷ (ir-Regolament IUU); jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-ftehimiet kummerċjali ffirmati ma' pajjiżi terzi għandhom jinkludu kapitoli dwar is-sajd sostenibbli li huma f'konformità mal-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp sostenibbli, mal-PKS u mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament IUU; jitlob li s-sajjieda, il-flotot u l-SMEs tal-UE li joperaw fis-settur tal-frott tal-baħar jingħataw appoġġ biex isaħħu u jtejbu l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-valur; ifakkar li l-kwoti tariffarji awtonomi jridu jintużaw biss meta jkun hemm nuqqas ta' provvista adegwata ta' frott tal-baħar għas-suq tal-UE u ma jistgħux jiġu sfruttati biex jagħmlu pressjoni fuq il-provvista u l-prezzijiet tal-produtturi tal-UE;
43. Jisħaq li l-UE għandha timmonitorja fuq bażi kontinwa l-isforzi mwettqa biex jiġi miġġieled is-sajd IUU minn pajjiżi terzi li ngħataw tariffi preferenzjali għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura; jisħaq li huwa essenzjali għall-UE li tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħha f'konformità mar-Regolament IUU, inkluża l-"karta ħamra", jekk pajjiż li jkun ingħata tariffi preferenzjali jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti tal-UE dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, is-sajd sostenibbli u t-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd;

¹⁷ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

44. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura kkummerċjalizzati fl-UE irrispettivament mill-oriġini tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jiżguraw l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti attwali tal-UE dwar is-sikurezza, l-iġjene u l-kwalità, inkluż l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fuq il-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura fis-suq intern;
45. Ifakkar li għad irid isir progress biex il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jsiru verament sostenibbli; jenfasizza li dawn il-ftehimiet iridu jkunu f'konformità mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u la jridu jheddu s-settur tas-sajd fuq skala żgħira f'pajjiżi terzi u lanqas jimminaw is-sikurezza tal-ikel lokali;
46. Jisħaq fuq l-importanza li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur u jitlob li l-prodotti tas-sajd importati kollha li jidħlu fis-suq tal-UE jkollhom jikkonformaw mal-istandards minimi miftiehma fuq livell internazzjonali, kif stabbilit fil-Konvenzjoni C188 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-Xogħol fis-Sajd u implimentata fl-UE permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159¹⁸, sabiex iċ-ċittadini tal-UE jiġu evitati milli jikkonsmaw ħut meta ma jkunux jafu li nqabad minn bastimenti li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet soċjali minimi;
47. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tfassal lista ta' oġġetti prodotti mit-tħaddim tat-tfal jew mix-xogħol furzat u rapporti korrispondenti għall-użu minn dawk li jfasslu l-politika u mill-kumpaniji tal-UE biex iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju, iwettqu diliġenza dovuta fuq il-ktajjen tal-provvista u jiżviluppaw strateġiji biex jindirizzaw it-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat; ihegġegħ lill-Kummissjoni tuża l-lista bħala għodda biex tieħu azzjoni kontra bastimenti tas-sajd mhux konformi u pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, b'mod simili għal dik stabbilita fil-Kapitolu VII tar-Regolament IUU, b'mod partikolari biex jiġu limitati jew imblukkati l-importazzjonijiet minn bastimenti tas-sajd jew minn nazzjonijiet tas-sajd imniżżla f'lista (sewda) minħabba abbużi serji fil-konfront tal-ħaddiema u li jonqsu milli jikkonformaw mad-drittijiet bażiċi tal-bniedem abbord bastimenti tas-sajd;
48. Jissottolinja l-importanza tal-FEMSA il-ġdid għall-iffaċilitar ta' ibħra u oċeani ġestiti b'mod sostenibbli, il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli, l-immodernizzar tas-settur tas-sajd f'konformità mal-oġġettivi tal-PKS, il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' impjieg u ta' introjtu, l-appoġġ għal prattiki sostenibbli, il-promozzjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali, inkluż għas-sajd fuq skala żgħira, li jista' jrażżan id-depopolazzjoni fiż-żoni rurali u fil-gżejjer, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva tan-nisa, tal-assoċjazzjonijiet, inkluż xrieki ta' negozjanti bħal *cofradías*, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u s-settur tal-bejgħ bl-imnut; jissuġġerixxi li l-użu tal-finanzjament tal-FEMSA għandu jipprovdi inċentivi ekonomiċi għas-sajjieda, għall-produtturi tal-akkwakultura u għall-ħaddiema tul il-katina tal-provvista li diġà ħadu miżuri biex jillimitaw l-impronta klimatika u ambjentali tagħhom; jilqa' l-intenzjoni tal-

¹⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż fil-21 ta' Mejju 2012 bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche), ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12.

Kummissjoni li tinvesti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fit-teknoloġija u jisħaq li l-FEMSA għandu jintuża wkoll biex jappoġġja programmi u proġetti ta' riċerka u innovazzjoni mmirati lejn it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u biex jippromwovi sistema tal-ikel sostenibbli, inkluż il-ħolqien ta' inċentivi għat-trasformazzjoni diġitali tas-settur fil-ħoloq kollha tal-katina tal-valur għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jiġu integrati l-programmi Ewropej eżistenti ta' riċerka u innovazzjoni mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030 u l-FEMS il-ġdid, u li jiġi involut bis-sħiħ is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra tul il-katina tal-valur sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji potenzjali bejn setturi differenti;

49. Jissottolinja l-għan tal-PKS ta' sajd selettiv u jinnota li s-settur tas-sajd qed jinvesti fir-rkaptu selettiv għal dan il-għan; jisħaq li l-Unjoni għandha tappoġġja u tħeġġeġ dawn l-investimenti;
50. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjb l-monitoraġġ, il-kontroll u l-infurzar tal-PKS, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu ta' ħatt l-art u l-introduzzjoni ta' monitoraġġ elettroniku tal-bastimenti biex tittejjeb it-traċċabbiltà tal-ikel;
51. Jindika li l-effiċjenza enerġetika tal-flotot tas-sajd tal-UE żdiedet bil-kbir matul is-snin bis-saħħa tal-adattament ta' teknoloġiji ġodda; jinnota titjib fl-istokkijiet tal-ħut, speċjalment fil-Baħar tat-Tramuntana, minħabba l-istandards għoljin li s-settur tas-sajd tal-UE jrid jikkonforma magħhom;
52. Jissottolinja l-importanza tas-sajd kostali fuq skala żgħira u jemmen li dan is-settur jista' jiffaċilita b'mod sinifikanti t-tranżizzjoni lejn il-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut; jistieden lill-Istati Membri kollha jżidu l-perċentwal tal-kwoti nazzjonali allokat i għal dan is-settur kif xieraq;
53. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri kollha jniedu kampanji ta' sensibilizzazzjoni edukattivi effettivi, iffinanzjati kif xieraq u estensivi għall-konsumaturi sabiex jissaħħaħ il-konsum tal-ħut tajjeb għas-saħħa u sostenibbli, jiġu enfasizzati l-proprietajiet u l-benefiċċji tal-prodotti tal-ħut, u l-konsumaturi jiġu meġhuna jagħżlu b'mod għaqli meta jixtru prodotti tal-ħut friski; inkluż billi jiġi promoss il-konsum ta' speċijiet ta' ħut inqas magħrufa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw inizzjattivi biex inaqqsu l-ħela tal-ikel u skart ieħor mis-swieq tal-ħut u tal-frott tal-baħar tal-UE;
54. Iqis li wieħed mill-pedamenti tal-kampanji kollha għall-promozzjoni tal-konsum tal-frott tal-baħar għandu jkun is-sostenibbiltà tal-prattiki użati biex jinkiseb dan u r-rwol ewlieni tas-sajd Ewropew f'dan il-qasam; jisħaq, barra minn hekk, li dawn il-kampanji għandhom jiġu promossi billi ssir ħidma mill-qrib mal-assoċjazzjonijiet kummerċjali u ma' korpi professjonali speċifiċi, bħan-nutrizzjonisti, it-tobba u l-pedjatri, sabiex tittieħed azzjoni mmirata u effettiva biex tgħin lill-konsumaturi Ewropej;
55. Jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar ir-rati tal-VAT tipprevedi l-użu ta' tassazzjoni indiretta biex tinkoraġġixxi l-konsum ta' prodotti tal-ikel sostenibbli u tajbin għas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-għodod eżistenti f'dan ir-rigward, bħal rati mnaqqsa tal-VAT u akkwist pubbliku ekoloġiku;

56. Jikkritika l-fatt li l-istrateġija tonqos milli ssemmi xi waħda mill-problemi li jirriżultaw mit-tniġġis tal-ibħra fl-UE bil-mikroplastiċi u bin-nanoplastiċi, li huwa ta' theddida inkwetanti għas-saħħa tal-konsumaturi Ewropej; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżiedu r-riċerka u l-għbir ta' data dwar l-impatt tal-iskart tal-baħar, tan-nanoplastiċi u tal-mikroplastiċi fuq ir-riżorsi tas-sajd u fuq is-saħħa tal-bniedem, filwaqt li tiġi promossa azzjoni biex iżżid is-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi Ewropej dwar il-problema tat-tniġġis tal-plastik;
57. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju u viżibbiltà għal proġetti u inizjattivi mmirati lejn it-tqassir tal-ktajjen tal-provvista, il-promozzjoni tas-sistemi tal-ikel lokali u l-konsum sostenibbli tal-frott tal-baħar u l-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira;
58. Jisħaq li sabiex l-ekonomija ċirkolari Ewropea tinżamm kompletament konformi mal-oġġettivi tat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, għandhom jiġu promossi u mħeġġa prattiki virtużi fis-sajd, bħall-użu mill-ġdid ta' prodotti li jkunu nqabdu li jaqgħu taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li għalihom japplika obbligu ta' hant l-art;
59. Jinnota li min-natura tagħhom stess, għadd ta' kunsiderazzjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-istrateġija tal-Kummissjoni ma japplikawx għas-settur tas-sajd;
60. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu stabbiliti metodi konsultattivi aħjar għall-organizzazzjonijiet kummerċjali ta' sajjieda fuq skala żgħira biex jippermettulhom jieħdu sehem fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti li għandhom riperkussjonijiet fuq l-għajxien tagħhom, bħall-kumitati ta' djalogo soċjali; jenfasizza l-importanza, f'dan ir-rigward, ta' parteċipazzjoni ġusta u bbilanċjata għas-sajd fuq skala żgħira, peress li r-rappreżentanza fil-kunsilli konsultattivi u f'fora oħra mhijiex biżżejjed; jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza ta' rappreżentanza uguali u ġusta meta jiġu implimentati dawn l-obbligi internazzjonali bħall-ġestjoni soċjali u tal-ekosistema biex jiġi żgurat li jkun fattibbli li jiġu implimentati fis-segmenti kollha tal-flotta;
61. Jesprimi dispaċir għall-fatt li filwaqt li l-istrateġija għustament tenfasizza r-rwol tal-bdiewa bħala kustodji tal-art, din ma tagħtix l-istess rikonoxximent lis-sajjieda Ewropej, li għandhom jitqiesu u jiġu rikonoxxuti bħala l-kustodji tal-baħar u li għandu jkollhom rwol ewlieni fil-kisba tal-oġġettivi tal-istrateġija; jesprimi d-diżappunt tiegħu, f'dan ir-rigward, li l-istrateġija tonqos milli tiżgura l-involviment tar-rappreżentanti mis-settur f'fora istituzzjonali jew thegheg approċċ minn isfel għal fuq li jinvolvi bis-sħiħ lis-sajjieda Ewropej fit-tfassil tar-regoli li għandhom japplikaw; jisħaq fuq il-ħtieġa li s-settur tas-sajd ikun involut bis-sħiħ sabiex jintlaħqu bis-sħiħ l-oġġettivi tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;
62. Jisħaq fuq il-ħtieġa li s-sajjieda fuq skala żgħira jiġu mħeġġa jingħaqdu flimkien f'assoċjazzjonijiet, kooperattivi u organizzazzjonijiet tal-produtturi biex jiġi żgurat li jkollhom pożizzjoni ta' negozjar aħjar mal-fornituri tas-suq u pożizzjoni aħjar u aktar b'saħħitha fil-katina tal-provvista tal-ikel biex jiġu ggarantiti introjtu ġust; jisħaq li assoċjazzjonijiet bħax-xrieki ta' negozjanti fi Spanja (*cofradías*) għandhom jiġu rikonoxxuti fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni u jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ finanzjarju fuq bażi uguali mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi; jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattiva f'dan ir-rigward.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	19.4.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Giuseppe Ferrandino, Søren Gade, Niclas Herbst, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Grace O'Sullivan, Manuel Pizarro, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Emma Wiesner
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Benoît Biteau, Manuel Bompard, Nicolás González Casares, Valentino Grant, Petros Kokkalis, Gabriel Mato, Nuno Melo

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

27	+
ECR	Bert-Jan Ruissen, Ruža Tomašić
ID	Rosanna Conte, Valentino Grant, France Jamet
PPE	François-Xavier Bellamy, Peter van Dalen, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Nuno Melo, Francisco José Millán Mon, Annie Schreijer-Pierik
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Pierre Karleskind, Emma Wiesner
S&D	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Giuseppe Ferrandino, Nicolás González Casares, Predrag Fred Matić, Manuel Pizarro
The Left	Petros Kokkalis
Verts/ALE	Benoît Biteau, Rosa D'Amato, Grace O'Sullivan, Caroline Roose

1	-
The Left	Manuel Bompard

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni